MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 390/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Jacqueline Bajjada, u l-istess Jacqueline Bajjada.**

**vs**

**Vincent Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux:**

**1. Jigi ddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala**

**rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-18 t'April, 2000 gewwa Santa Venera bejn il-vettura numru BAT 454 misjuqa minn Jacqueline Bajjada, u dik bin-numru LAG 079 misjuqa minnu, liema incident sehh unikament minhabba l-imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici, u l-attrici, fl-ammont ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltija u sitta u disghin centezmi (LM861.96,0), u mitt Lira (LM100.00,0) bhala excess, rispettivament, jew somom ohra verjuri li jigu hekk likwidati, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;**

**3. Jigi kkundannat ihallas lill-atturi dawk is-somom li jigu hekk likwidati, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' meta gew sofferti;**

**4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident gara minhabba l-ispeed eccessiv ta' Jacquelene Bajjada li bid-daqqa illi taghtu qabbzitu bil-karozza b'kollox ghal fuq il-crash barrier u dan kif jirrizulta sahansitra minn fotografiji illi gew ippubblikati fil-gurnali ta' dik il-gurnata;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tas-6.30 jew is-6.45 a.m. tat-18 t'April tas-sena 2000 gewwa Triq Regionali hekk kif wiehed johrog mill-mina ta' hdejn l-Universita' fid-direzzjoni tal-Marsa;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu wahda tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAT-454 misjqua mill-attrici Jacqueline Bajjada u l-ohra tal-marka Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni LAG-079 misjuqa mill-konvenut Vincent Borg;**

**3. Illi l-attrici Bajjada ssostni li kienet qed issuq fil-karreggjata interna b'velocita' normali fejn hargilha l-konvenut Borg minn sqaq li kellu l-indikazzjoni tal-"give way" tinkonbi fuqu;**

**4. Illi minhabba f'hekk l-attrici ssostni li bbrejkjat izda l-impatt ma setax jigi evitat;**

**5. Illi l-attrici kienet inxurjata b'mod komprensiv mis-socjeta' attrici li effettivament ghamlet tajjeb ghad-danni kollha minnha sofferti b'eccezzjoni ta' mitt Lira Maltin "excess";**

**6. Illi l-konvenut isostni li fil-hin ta' l-incident kien hiereg minn "Box Box Lane";**

**7. Illi jsostni li meta gie biex johrog mill-imsemmi sqaq hu waqaf biex jara jekk kienux gejjin karozzi u xeghel l-"indicator";**

**8. Illi meta ra l-ma kienux gejjin vetturi minn naha tieghu u ghalhekk seta' johrog isostni li hareg go Triq Santa Venera, kompla jsuq fuq il-karreggjata interna u wara li kompla jsuq fl-istess karreggjata ghal xi hin hass daqqa fuq in-naha ta'**

**wara tal-vettura tieghu li giet sussegwentement imbuttata fuq "crash barrier" u spicca l-isptar;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat anke minn analizi ta' l-iskizz a fol 21, li bl-ebda mod ma gie kontradett, li d-danni subiti mill-vetturi nvoluti huma dawk indikati fl-istess skizz;**

**Illi dawn id-danni jindikaw li l-vettura ta' l-attrici dahlet fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-konvenut;**

**Illi di piu', jirrizulta li l-vettura attrici halliet "break mark" konsiderevoli li juri velocita' eccessiva;**

**Illi d-danni subiti mill-konvenut kagun ta' dan l-incident ukoll jittradixxu velocita' eccessiva da parte tal-attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**